Ref: 8/6/194/12

**Minuti tal-Laqgha Urgenti Nru 8 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2012. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Raymond Attard, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch u l-Kunsillier Rita Delezio.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima u l-Kunsillier Muscat kienu skuzati. Il-membri prezenti accettaw li dawn ikunu skuzati fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg, il-FLC u Awditur Christopher Pullicino, u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

1) **Tender ESF 3/2012**

1.1 - Is-Segretarju ressaq ir-rapport tat-*Tendering Board* tal-Kunsill Lokali Paola li huwa kompost mis-Sindku, mill-Kunsillier Attard u mis-Segretarju Amministrativ Kevin Borg.

1.2 – F' din is-sejha ghall-offerti giet mitfugha offerta wahda dik ta' Sado LTD ghas-somma ta' Euro 88,000.

1.3 - Ghalhekk il-Bord qabel unanimament li din l-offerta issodisfat ir-rekwiziti kollha kif ukoll hija ekonomikament accettabli. U ghaldaqstant jirrakomandaha ghall-ghazla.

1.4 - Il-Kunsill qabel unanimament li jaghzel l-offerta ta' Sado Ltd.

1.5 – L-Awditur Christopher Pullicino ta' *overview* finanzjarju tal-progetti li l-Kunsill lokali Paola ghandu, li huma *At Fort*, *Hybrid Parks* u ESF 3:011.

1.6 – Is-Sindklu gibed l-attenzjoni li hemm sejha ghall-Progetti ERDF li taghlaq fid-19 ta' Novembru 2012. Din is-sejha tikkonsidra progetti fil-qasam tas-sahha fizika u mentali kif ukoll edukazzjoni.

1.7 - Saret diskussjoni u sar qbil li jinbeda l-process biex jekk ikun possibbli napplikaw.

1.8 - Is-Sindku qal li kellmuh tal-Paola Schreiber Bocci Club ghax hemm problema kbira ta' droga. Is-Sindku zied jghid li hu kellem lill-Pulizija u huma ssuggerew li jsir aktar dawl. Il-membri qabblu ma' dan.

1.9 - Is-Sindku qal ukoll li xi residenti kellmuh biex issir *sleeping policeman* fit-telgha ta' fejn hemm il-garaxxijiet fi Triq Athlone. Il-Kunsillier Attard qal li sa fejn jaf hu dik il-parti hija privata u ma taqax taht il-kustodja tal Kunsill. Il-membri tal-Kunsill approvaw li ssir l-applikazzjoni ma' TM.

## 2) **Aggornament**

2.1 – Il-laqgha giet maghluqa fis-7.00pm u aggornata ghal nhar l-Erbgha 26 ta' Settembru 2012 fis-6.00pm.

Approvati llum ___________________________

_______________ __________________

Kevin Borg Roderick Spiteri

Segretarju Sindku